MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2003

Anthony Cachia
vs
Chairman Enemalta Corporation

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta'Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju, 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1989/1991, ir-rikorrent sofra ingustizzja billi gie mcahhad minn promozzjoni li kien jisthoqqlu u anke gie trasferit minn fuq il-post tax-xoghol tieghu, minghajr raguni valida, anzi kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz, aktarx b'mottiv purament politiku.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor is-segwenti.

Ir-rikorrent kien impjegat mal-Enemalta Corporation, fil-grad ta' Heavy Plant Driver. Qabel mar jahdem mal-

Enemalta Corporation, kien impjegat mal-Malta Shipbuilding Co. Ltd. fl-istess grad, cioe` bhala Heavy Plant Driver.

Illi, kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mar-rikors u markati “A” sa “F” bejn l-1989 u 1991, ir-rikorrent applika hafna drabi ghal promozzjoni ghall-grad ta’ Security Guard u Lorry Driver (Fuel), izda dejjem gie maqbuz minn nies li sahansitra kienu dahlu warajh fl-impjieg mal-Enemalta. Fl-istess okkazzjonijiet kien hemm ukoll persuni illitterati li ghamlu l-interview u gew maghzula u nghataw promozzjoni meta r-rikorrent gie mcahhad minnha.

Illi meta r-rikorrent talab spjegazzjoni lis-superjuri tieghu ghall-fatt li nqabez u baqa’ ma nghatax il-promozzjoni li jisthoqqlu, gie mgharraf illi peress li dak iz-zmien hu kien jahdem bil-crane ma kienx hemm min jahdem ix-xoghol tieghu. Allura ma setghux jaghtuh promozzjoni ghaliex inkella ma jkun hemm hadd li jaghmel ix-xoghol tieghu.

Illi r-rikorrent dejjem ipprotesta li kienet qed issir ingustizzja mieghu ghaliex minghajr ebda raguni valida kien qed jigi mcahhad minn promozzjoni li kien jisthoqqlu.

Illi f’certu zmien kienu dahlu impjegati godda mal-Enemalta Corporation u r-rikorrent kien ghallimhom jaghmlu xoghol li kien jaghmel hu.

Illi minkejja dan, meta regghu hargu applikazzjonijiet ghall-promozzjoni u r-rikorrent applika xorta wahda ma nghatax promozzjoni ghalkemm din id-darba kien hemm impjegati ohra li kienu kapaci jaghmlu x-xoghol tieghu u setghu jissostitwuh.

Illi barra minn hekk, wara xi zmien ir-rikorrent gie trasferit mill-post tax-xoghol tieghu ghal Bulk Operator u beda jahdem bil-gurnata u tilef ukoll ix-shift allowance li kien jircevi in konnessjoni max-xoghol li kellu qabel.

Illi r-rikorrent dehrlu li ma kien hemm ebda raguni valida li hu jigi mcahhad mill-promozzjoni li kien haqqu jew li jigi

trasferit u sostna li dan gara x’aktarx minhabba motivi politici.

Illi b’konsegwenza ghall-ingustizzja li sofra, ir-rikorrent bata wkoll telf finanzjarju konsistenti (1) f’telf ta’ awment ta’ paga relattiva ghall-grad li ghalih kien haqqu jiehu promozzjoni mid-data li hu kien haqqu jiehu tali promozzjoni u (2) telf ta’ shift allowance b’rizultat tat-transfer li nghata.

Illi b’hekk ai termini tal-Att VIII tal-1997 ir-rikorrent, fil-perjodu fuq indikat, garrab ingustizzja u dana b’ konsegwenza ta’ distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li saret jew inghatat bi hsara ghalih, jew li minhabba fiha garrab inkapacita` jew restrizzjoni u dana b’azzjoni mehuda mill-intimat.

Illi, biex isostni l-ilment tieghu, ir-rikorrent kien sejjer iressaq ix-xhieda murija fl-elenku.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab illi dan it-Tribunal joghgbu wara li jisma’ x-xhieda u sottomissjonijiet tar-rikorrent, jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u jordna illi jinghata rimedju billi r-rikorrent (1) jinghata l-promozzjoni ghal wiehed mill-gradi kif fuq espost, ghal liema grad ir-rikorrent ikkwalifika, mill-perjodu li dan il-grad kien jisthoqqlu (2) jithallas l-arretrati ta’ paga relattivi ghal tali promozzjoni: (3) jithallas ix-shift allowances li tilef b’ rizultat tat-trasferiment ingust li sofra.

Fl-eventwalita` li dawn ir-rimedji ma jistghux jinghataw ir-rikorrent talab li jigi ordnat jithallas lilu kumpens fl-ammont ta’ Lm5000 jew kull ammont iehor li ma jeccedix il-Lm5000 li t-Tribunal jidhirlu xieraq.

Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-intimat.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta li eccepiet:
Illi permezz ta' Cirkulari Nru 57/90 inharget sejha ghall-applikazzjonijiet lill-impjegati tal-Korporazzjoni ghall-mili ta' postijiet ta' Security Guards.

Illi ghal dawn il-postijiet kien hemm sitta u tmenin applikant fosthom ir-rikorrent.

Illi meta saru l-intervisti mill-Bord tal-Ghazla mwaqqaf mill-Korporazzjoni kkwalifikaw 24 impjegati skond l-Ordni tal-mertu.

Illi r-rikorrent ma kienx fost dawk li gew maghzula ghall-postijiet msemmija.

Illi l-Bord ta' l-Ghazla agixxa skond kif provdut fil-Ftehim Kollettiv, Appendici C bejn il-Korporazzjoni Enemalta u l-General Workers' Union.

Illi permezz ta' ittra li ggib id-data ta' 24 ta' Lulju 1985 ir-rikorrent gie nfurmat li kien gie kklassifikat fil-kategorija ta' Airfield Bulk Operator.

Illi permezz ta' ittra li ggib id-data ta' 7 ta' Lulju 1986 ir-rikorrent stess talab li ma jinghatax din il-promotion u li jibqa' jzomm il-grad li kellu ta' Crane Driver.

Illi permezz ta' ittra li ggib id-data ta' 16 ta' Marzu 1992 iffirmata mis-Sur L. C. Ciantar dak iz-zmien kien ic-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta ir-rikorrent inghata grad ta' Lorry Driver mal-Korporazzjoni.

Illi f'ittra illi ggib id-data ta' 8 ta' April 1992 ir-rikorrent stess talab li ma jinghatax din il-promotion u li jibqa' jzomm il-grad li kellu ta' Heavy Plant Driver fil-Workshop.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-korporazzjoni intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn qal li fl-1983 kien gie trasferit mal-Enemalta bhala crane driver. Fl-1985 harget sejha ghal Bulk Operator, applika u hadha. Semma li applika ghal sejhiet ta' applikazzjonijiet ohrajn fl-1986, fl-1989 u fl-1990 u kull darba applika imma qatt ma ha l-promozzjoni. Hass li saret ingustizzja mieghu peress li ohrajn li kienu crane drivers mieghu kienu nghataw il-post ta' security guard filwaqt li hu applika tlett darbiet u ma hadhiex. Minn dawk li saru hemm laburisti u nazzjonalisiti. Sostna li minn dawk li saru hemm min ma jafx jaqra.

Xehed Anthony Fenech Aviation Superintendent mal-Korporazzjoni Enemalta li qal ir-rikorrent qatt ma kien subordinat dirett tieghu u qal li ma jiftakarx lir-rikorrent jahdem bix-xift. Gieli kien f'xi Bord ta' l-ezamijiet u wicc ir-rikorrent mhux gdid ghalih.

Xehed Edward Darmanin Chief Security Officer mal-Enemalta. Qal li qatt ma kellu konnessjoni mar-rikorrent. Qal li sa fejn jaf hu n-nies li hemm jahdmu fis-security kollha litterati ghax meta jitlob rapport dejjem jircivieh bil-miktub. Qal li ma jistax ighid jekk ir-rapporti jkunux miktubin min-nies tas-security jew jiktibomlhomx haddiehor.

Xehed Joe Mangion Principal mal-Enemalta li esebixxa bil-miktub a fol 50 tal-process ir-rikorrent x'tilef bhala paga kieku sar security guard. Ipprezenta cirkulari ghall-post ta' security guard li kienet harget fl-1990 esebita a fol 63 tal-process. Spjega li r-rikorrent ha zewg promozzjonijiet bejn l-1987 u l-1995 ta' Heavy Plant Driver u ta' Lorry Driver Fuel u din ta' l-ahhar jigifieri ta' Lorry Driver kien irrifjutaha. Qal li veru li applika tlett darbiet ghal security

guard izda darba qabel l-1987, u darba ohra fl-1989 anqas kien attenda ghall-interview.

Fir-rigward tat-trasferiment semma li r-rikorrent kien mar il-Gas Division.  Ma setax jghid li kienx hemm esigenzi tas-servizz izda r-rikorrent kien accetta li jmur hemm tant li t-transfer gie konfermat wara mic-Chairman.  Zied ighid li bejn l-1987 u l-1992 ir-rikorrent kien il-workshop il-Marsa u wara l-1992 il-Gas Division B'Bugia.  Meta kien gie trasferit ma kienx aktar intitolat ghall-allowance u ghalhekk tilef LM3.60 fil-gimgha.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq nuqqas ta' promozzjoni fl-1986, 1989 u fl-1990 ghal Security Guard u dwar it-transfer li gie moghti lilu.

Dwar l-ewwel aspett tal-ilment u cioe` n-nuqqas ta' promozzjoni fl-1986 il-Kap. 394 fl-Artikolu 5 (4) jaghmilha cara li l-Att ma japplikax ghal atti jew ommissjonijiet li graw qabel id-9 ta' Mejju 1987 u ghalhekk dwar dan l-aspett jiddikjara ruhu inkompetenti ***ratione temporis***.

Ir-rikorrent ilmenta wkoll minn nuqqas ta' promozzjoni fl-1989.  It-Tribunal ihossu meraviljat bl-agir tar-rikorrent li jilmenta minn nuqqas ta' promozzjoni meta anqas biss attenda ghall-interview.  Din tohrog cara mid-depozizzjoni tas-Sur Mangion u b' ebda mod kontestata mir-rikorrent. L-unika difiza da parti tar-rikorrent harget l-ewwel darba fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu fl-gheluq tal-provi fejn inghad li kien jinkombi fuq l-intimat li jipprova li r-rikorrent gie notifikat.  Fil-fehma tat-Tribunal dan ma jaghmilx sens specjalment meta f' ebda stadju matul il-provi ma gie sollevat dan l-aspett.  Ghalhekk dwar dan l-ilment ukoll jichad it-talba.
Dwar dak tal-1990 jinghad illi hawn ir-rikorrent qieghed jinsisti li kien haqqu jsir.  Irrizulta li in segwitu tal-applikazzjoni 57/90 applikaw 86 persuni u kkwalifikaw 24 li r-rikorrent mhux wiehed minnhom.  Ir-rikorrent sostna li kien kwalifikat aktar minn min sar izda xi kwalifiki ghandu ma gabx provi taghhom.  Sostna fil-kors tal-kawza li hemm erbgha minn nies li saru li huma addirittura illitterati

u cioe` Tony Bondin, Bertu Attard, Loreto Cassar u Gorg Zammit. Jinghad li dawn il-persuni ma gewx prodotti bhala xhieda mir-rikorrent u mid-depozizzjoni tas-Sur Mangion jirrizulta li Loreto Cassar u Joseph Zammit saru Security Guards qabel l-1987 u ghalhekk kif jista' r-rikorrent jitkellem fuqhom u jghid li qabzu min kien anqas kwalifikat meta dawn saru fl-1987 u hu qed jilmenta fuq tal-1990! Fuq l-ewwel tnejn kull ma hemm provi hu li hu jghid li huma illitterati waqt li l-Foreman taghhom jghid li jircieva r-rapporti miktubin minghandhom. Fi kwalunkwe kaz ir-rikorrent ma gab ebda prova li hu kien jisthoqqlu jsir u ghalhekk dwar dan jichad it-talba wkoll.

Jifdal l-ilment dwar it-transfer dwar liema transfer irrizulta li r-rikorrent kien accetta t-transfer u ma lmenta b' ebda mod minnu u li fi kwalunkwe kaz kawza tal-imsemmi transfer kull ma kien tilef kien Lm3.60 fil-gimgha. Veru li hawnhekk ukoll ma gewx pruvati l-ezigenzi tas-servizz izda minn naha l-ohra ma rrizultat ebda oppozizzjoni minn naha tar-rikorrent ghat-transfer. Jinghad li meta r-rikorrent ried jipprotesta kien kapaci jaghmel dan ghax infatti fl-1985 hu irrifjuta l-promozzjoni ghal Airfield Bulk Operator minhabba li jitlef il-Hdud u x-shift, u fl-1992 irrifjuta l-promotion ghall-grad ta' Lorry Driver. Ghal dawn il-motivi jichad ukoll din it-talba.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------